Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

5 ta' Novembru, 1999

ATT Nru. XV ta' l-1999

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili u ta' Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ, u għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dan jew anċillari għall-istess.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1999 dwar il-Protezzjoni Ċivili, u għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Protezzjoni Ċivili jista' jistabbilixxi permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

Tifsiriet.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"id-Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili mwaqqaf bl-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur tad-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili u tinkludi lil kull uffiċjal maħtur jew awtorizzat mid-Direttur biex jaġixxi għal xi għan jew klassi ta' għanijiet ta' dan l-Att;

"diżastru" tfisser ġrajja mhux prevedibbli li tikkaġuna jew thedded li tikkaġuna ħsara fil-ħajja jew fis-saħħa ta' għadd sew ta' bnedmin, jew lill-proprjetà jew lill-provvista ta' riżorsi vitali tal-popolazzjoni jew lill-ambjent, u l-urġenza tas-sitwazzjoni tkun teħtieġ il-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet għal azzjoni immedjata ta' rimedju;

"il-Forza" tfisser il-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ mwaqqfa bl-artikolu 8 ta' dan l-Att;

"il-Kmandant" tfisser il-kmandant maħtur biex jaġixxi bħala tali taħt l-artikolu 9 ta' dan l-Att;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill għall-Protezzjoni Ċivili mwaqqaf taħt l-artikolu 5 ta' dan l-Att;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Protezzjoni Ċivili u tinkludi, sal-limitu u skond l-awtorita` mogħtija, kull persuna jew korp ta' persuni awtorizzati mill-imsemmi Ministru għal xi għan jew klassi ta' għanijiet ta' dan l-Att.

Twaqqif ta' Dipartiment.

3. Għandu jitwaqqaf Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili li jkun dipartiment tal-Gvern li jitmexxa minn uffiċjal pubbliku li jkun magħruf bħala d-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, li jkollu l-funzjonijiet stabbiliti fl-artikolu 4 ta' dan l-Att.

Funzjonijiet tad-Dipartiment.

4. Il-funzjonijiet tad-Dipartiment ikunu -

(a) sabiex iħejji pjani ta' kontinġenza għal kontra xi diżastru kif ukoll dawk l-emerġenzi naturali, industrijali jew oħrajn li jistgħu jinqalgħu;

(b) sabiex jorganizza u jikkordina faċilitajiet ta' taħriġ u korsijiet għall-persunal li jistgħu jenħtieġu f'każ ta' diżastru nazzjonali jew reġjonali jew ta' emerġenza kif imsemmi qabel;

(ċ) sabiex iwaqqaf l-infrastruttura meħtieġa li tkun tiżgura li jkun hemm kordinazzjoni bejn id-diversi dipartimenti tal-Gvern, kunsilli lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi li jistgħu jkunu involuti f'li jaġixxu flimkien fil-każ ta' diżastru nazzjonali jew reġjonali jew ta' emerġenza kif imsemmi qabel;

(d) sabiex jagħmel riċerka dwar vulnerabbilita' u *risk assessment*;

(e) sabiex iġib 'l quddiem konoxxenza pubblika dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ċivili;

(f) sabiex iżomm u jmexxi forza ta' għajnuna u salvataġġ;

(ġ) sabiex iħejji regolamenti bis-saħħa ta' dan l-Att u ta' l-Att dwar Setgħat ta' Emerġenza (Kap. 178) li jistgħu jenħtieġu f'każ ta' diżastru nazzjonali jew reġjonali jew ta' emerġenza kif imsemmi qabel; u

(ħ) b'mod ġenerali, sabiex iwettaq kull funzjoni oħra li jkollha x'taqsam mal-protezzjoni ċivili hekk kif jista' jiġi lilha assenjat mill-Ministru minn żmien għal żmien.

Kunsill għall-Protezzjoni Ċivili.

5. (1) Għandu jitwaqqaf Kunsill, li jkun magħruf bħala l-Kunsill għall-Protezzjoni Ċivili, li jkollu dawk il-funzjonijiet u dmirijiet stabbiliti f'dan l-Att.

(2) Il-Kunsill jinħatar mill-Prim Ministru kif ġej:

(a) għadd ta' membri rappreżentattivi, li ma jkunux iktar minn ħamsa, li jintagħżlu minn fost uffiċjali pubbliċi li jkollhom kariga għolja u li jkunu qegħdin jaqdu dmirijiet fil-ministeri responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi, ambjent, servizzi ta' telekomunikazzjoni u trasport, servizzi tas-saħħa, affarijiet ekonomiċi, affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' karburanti u enerġija, u affarijiet għal Għawdex;

(b) membru li jintagħżel minn fost persuni li jkollhom għarfien u esperjenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni ċivili wara li jiġu ikkonsultati rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet volontarji involuti f'dawk l-oqsma;

(ċ) membru li jiġi nominat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mwaqqfa skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. (A.L. 49 ta' l-1994.)

(3) Iċ-*Chairman* ikun il-Ministru responsabbli għall-Protezzjoni Ċivili u d-*Deputy Chairman* ikun iċ-Segretarju Permanenti fl-istess Ministeru, u l-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kmandant tal-Forzi Armati u d-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili jkunu membri *ex officio*.

(4) Il-membri l-maħtura jibqgħu f'dik il-kariga għal dak iż-żmien, li ma jkunx ta' iktar minn tlett snin, hekk kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

(5) Meta jiġi vakat il-post ta' xi membru maħtur qabel ma jkun għadda ż-żmien stabbilit fl-ittra tal-ħatra tiegħu, il-Prim Ministru għandu jaħtar persuna oħra biex tieħu post dak il-membru għal dak iż-żmien, li ma jkunx żmien ta' iktar minn tlett snin, hekk kif il-Prim Ministru jista' jistabbilixxi fl-ittra tal-ħatra tiegħu:

Iżda l-Kunsill jista' dejjem jibqa' jaġixxi minkejja li jkun hemm dik il-vakanza.

(6) Id-*Deputy Chairman* għandu jaġixxi minflok iċ-*Chairman* kull meta ċ-*Chairman* ikun assenti minn laqgħa tal-Kunsill

jew inkella ma jkunx jista' jaġixxi ta' *Chairman* għal kull raġuni li tkun.

(7) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-artikolu l-Prim Ministru jista' f'kull żmien itemm il-ħatra ta' xi membru maħtur, jekk fil-fehma tiegħu dak il-membru maħtur ma jibqax idoneu biex ikompli f'dik il-kariga jew ikun sar inkapaċi milli jwettaq dmirijietu sew.

(8) Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili għandu jagħmilha ta' segretarju tal-Kunsill.

(9) Il-Kunsill għandu jiltaqa' għal kemm il-darba jkun meħtieġ li jiltaqa', iżda f'ebda każ inqas minn darba f'kull tlett xhur kalendarji.

(10) Il-Kunsill għandu jirregola l-proċedimenti tiegħu nnifsu.

Funzjonijiet tal-Kunsill.

6. (1) Tkun il-funzjoni tal-Kunsill:–

(a) li jifformula, jmexxi u jikkordina kull kwistjoni u prattika ta' politika nazzjonali dwar il-protezzjoni ċivili;

(b) li jmexxi u jikkordina fi ħdan il-kompetenza tiegħu it-twettiq u t-tħejjija għal ħidmiet ta' protezzjoni ċivili meħtieġa fil-każ ta' emerġenza pubblika jew diżastru;

(ċ) li jagħti pariri u jirrakkomanda lill-Ministru dwar l-idoneita' ta' persuna, minħabba fil-kwalitajiet personali speċjali tagħha ta' deċiżjoni, kompetenza u esperjenza, li taġixxi ta' kmandant u kordinatur nazzjonali suprem tas-servizzi u miżuri ta' protezzjoni ċivili f'xi emerġenza jew diżastru partikolari;

(d) li japprova pjani ta' kontinġenza u linji direttivi u kodiċijiet assoċjati li jkollhom x'jaqsmu ma' emerġenzi u diżastri pubbliċi;

(e) li jissorvelja l-ħidmiet tad-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili;

(f) li jagħti pariri lill-Ministru dwar il-miżuri kollha li jagħtu protezzjoni lill-pubbliku fil-każ ta' emerġenza pubblika jew diżastru;

(ġ) li jinkoraġixxi u jagħti sostenn fuq livelli nazzjonali u lokali dwar it-tħejjija għal xi emerġenza ġenerali li tkun kapaċi li tirrispondi għal kull xorta ta' emerġenza, tkun xi tkun il-kawża tagħha;

(ħ) li jikkoordina u jinkoraġixxi l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet volontarji ta' protezzjoni ċivili.

(2) Il-Kunsill jista' minn żmien għal żmien, bi ftehim mal-Ministru, jistabbilixxi dawk il-kummissjonijiet li jagħtu parir hekk kif jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex jgħinuh fil-funzjonijiet tiegħu; dawk il-kummissjonijiet ikollhom funzjoni konsultattiva u li jagħtu parir, u r-riżultanzi jew ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom m'għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-Kunsill jew fuq il-Ministru.

Setgħat tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

7. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Protezzjoni Ċivili jista' jipprovdi b'regolamenti -

(a) b'mod ġenerali sabiex jirregola dak kollu li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni ċivili;

(b) dwar il-proċeduri li għandhom jittieħdu dwar xi diżastru jew emerġenza pubblika li jiġru f'Malta, inkluża kull investigazzjoni li ssir dwarhom;

u r-regolamenti li jsiru taħt dan il-paragrafu jista' jkollhom dispożizzjonijiet -

(i) li jkunu jenħtieġu l-għoti ta' avviż dwar diżastri jew emerġenza bħal dawk kif imsemmi qabel f'dawk iż-żminijiet, b'dak il-mod u minn dawk il-persuni li jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti;

(ii) li jkunu japplikaw, mingħajr tibdil, bil-għan ta' investigazzjonijiet li jsiru dwar xi inċident bħal dak, xi dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra li jkollha x'taqsam ma' investigazzjonijiet f'każijiet ta' dizastru;

(iii) li jkunu jipprojbixxu, sakemm issir l-investigazzjoni, aċċess għal jew dħul ġewwa ż-żona fejn ikun ġara d-diżastru, u li jkunu jawtorizzaw lil xi persuna, kemm jista' jkun meħtieġ għall-għanijiet ta' xi investigazzjoni, li jkollha aċċess għal, teżamina, tneħħi minn, tieħu passi sabiex tiġi preservata, jew xort'oħra tittratta ma', dik iż-żona;

(ċ) sabiex jiġu stabbiliti l-għanijiet u l-provvedimenti, direttivi, kodiċijiet ta' prattika u linji direttivi li jkollhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' tħejjija u ta' rispons;

(d) sabiex jiġu stabbiliti s-sistema u l-ħtiġijiet għall-ippjanar tal-protezzjoni ċivili;

(e) sabiex jiġi stabbilit, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, il-metodu u l-ħlas ta' livelli ta' kumpens għal telf materjali mġarrab minn persuni matul emerġenza skond l-Att dwar Setgħat ta' Emerġenza u matul diżastru kif imfisser f'dan l-Att;

(f) sabiex jiġi preskritt jew isiru provvedimenti dwar kull ħaġa li għandha jew tista' tiġi preskritta taħt dan l-Att; u

(ġ) dwar penalitajiet ta' xorta amministrattiva.

(2) Il-ħlas ta' kull kumpens taħt id-dispozizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti ikun nefqa fuq il-Fond Konsolidat.

(3) Bla ħsara għas-setgħat tal-Ministru taħt is-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jista' jipprojbixxi aċċess ġo xi żona meta jkun hemm xi diżastru jew emerġenza oħra filwaqt li tkun qed issir l-operazzjoni ta' salvataġġ u l-investigazzjoni dwar id-diżastru jew ill-kawża ta' l-emerġenza.

Twaqqif ta' Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ.

8. (1) Qiegħda b'dan titwaqqaf forza li tkun magħrufa bħala Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ.

(2) Il-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ għandha titmexxa minn Uffiċjal Kap għall-Għajnuna u s-Salvataġġ.

(3) Qabel ma uffiċjal jibda jwettaq il-kariġa tiegħu fil-Forza ta' Għajnuna u Helsien, huwa għandu jieħu l-ġurament tal-kariga skond ma hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att.

(4) Il-funzjonijiet tal-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ ikunu:

(a) li tara li jkun hemm servizz adegwat għal intervent immedjat fil-każ ta' ħruq, għarqar, salvataġġ fuq il-baħar u ħelsien mill-għarqa u appoġġ fuq il-baħar għal kontra t-tniġġis jew f'kull sitwazzjoni oħra ta' diżastru sew naturali sew kaġunat mill-bniedem li tkun teħtieġ l-għajnuna immedjata ta' forza pubblika jew ta' tagħmir speċjali;

(b) li tintervjeni f'kaz ta' emerġenza jew ta' diżastru;

(ċ) li twettaq kull dmir lilha assenjat mid-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili.

(5) L-amministrazzjoni u d-dixxiplina tal-Forza jkunu dawk li jistgħu jiġu preskritti b'reġolamenti magħmulin mill-Ministru taħt l-

artikolu 7 ta' dan l-Att u dawk ir-regolamenti jista' jkollhom dispozizzjonijiet dwar ir-reklutaġġ fil-Forza u l-patti u l-kondizzjonijiet tas-servizz, l-għoti ta' sensja mill-Forza u t-taħriġ tagħha, inkluż it-trasferiment ta' kull membru tagħha għal xi forza oħra, kif ukoll dwar kull ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam mal-Forza.

(6) Ir-regolamenti msemmija qabel jistgħu jkunu jipprovdu dwar l-estensjoni għall-membri tal-Forza ta' xi dmir u setgħa, jew dmirijiet u setgħat, ta' l-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija jew li jappartjenu lilhom, kif suġġetti għal dawk il-modifiki, adattamenti u restrizzjonijiet, u f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti.

(7) (a) Fl-interess tas-sigurezza pubblika, l-ordni pubbliku u s-saħħa pubblika, fl-ingaġġar ta' kull membru tal-Forza jenħtieġ il-kunsens ta' dik il-persuna li tkun qed tiġi ingaġġata, li ma tifformax, ma tidħolx fi, jew tkun membru ta' *trade union*; iżda l-membri tal-Forza jistgħu jifformaw assoċjazzjoni għalihom infushom.

(b) Assoċjazzjoni mwaqqfa taħt dan is-subartikolu għandha, bil-għan li tagħmilha possibbli għal min ikun ta' rank hekk kif jiġi stabbilit mill-Ministru jew li jkun taħt dak ir-rank, tikkonsidra u ġġib quddiem l-awtoritajiet kompetenti kull ħaġa li tolqot il-*welfare* u l-effiċjenza professjonali tal-membri ta' dik l-assoċjazzjoni, inkluż dak li jolqot is-siegħat tax-xogħol tagħhom, *leave*, ħlas u *allowances*, pensjonijiet u kondizzjonijiet tas-servizz u regoli tad-dixxiplina oħra b'mod ġenerali, u tiddefendi individwi fi proċedimenti dixxiplinari.

(ċ) L-istatut u r-regoli li jirregolaw xi assoċjazzjoni mwaqqfa taħt dan is-subartikolu u kull emenda relattiva, għandhom qabel jiġu approvati mill-Ministru.

(d) Assoċjazzjoni mwaqqfa taħt dan is-subartikolu għandha tkun għalkollox indipendenti minn, u mhux assoċjata ma', xi korp li ma jkunx jeżisti fi ħdan il-Forza.

(e) Is-sħubija f'assoċjazzjoni mwaqqfa taħt dan is-subartikolu għandha tkun waħda volontarja.

(f) Ebda persuna ma tista' tkun membru ta' xi assoċjazzjoni bħal dik kemm-il darba ma tkunx membru tal-Forza.

(ġ) Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan, assoċjazzjoni mwaqqfa taħt dan is-subartikolu tista' tingaġġa impjegati jew konsulenti minn barra l-Forza.

Ħatra u setgħat tal-Kmandant.

9. (1) Il-Ministru jista' jaħtar, f'xi diżastru jew emerġenza nazzjonali jew reġjonali, jew b'antiċipazzjoni ta' dan, persuna biex taġixxi bħala Kmandant suprem kif provdut fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att u jista' jħassar kull ħatra bħal dik.

(2) Fil-każ ta' xi emerġenza, diżastru jew ħidma oħra li taqa' taħt dan l-Att, il-Kmandant, jekk ikun ġie maħtur, jew id-Direttur jew l-ogħla uffiċjal għall-Għajnuna u Ħelsien li jkun hemmhekk preżenti, għandu jkollu dawn is-setgħat, b'żieda ma' kull setgħa oħra li jkollu skond il-kariga tiegħu taħt dan l-Att jew kull liġi oħra:–

(a) li jordna t-teħid immedjat ta' kull ħaġa mobbli jew immobbli, li fil-fehma tiegħu tkun b'mod indispensabbli meħtieġa għal xi ħidma;

(b) li jordna l-evakwazzjoni ta' persuni minn kull fond u li ma jħallix persuni jidħlu f'dak il-fond;

(ċ) li jidħol ġewwa fond, inkluza residenza privata, f'kull ħin mingħajr il-ħtieġa ta' xi *warrant* minn awtorita' superjuri;

(d) li jagħmel ħsara fi proprjeta' privata meta dan ikun meħtieġ b'mod indispensabbli sabiex tiġi evitata kull theddida għall-ħajja ta' l-oħrajn, jew inkella t-tifrix ta' l-effetti ta' xi avveniment.

(3) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (d) ta' l-artikolu ta' qabel dan, is-sid ikollu jedd għal kumpens.

(4) It-talba għal dak il-kumpens għandha ssir fi żmien sena minn meta jkun gara l-avveniment, u l-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha tkun kompetenti li tittratta u tiddeċiedi dwar kull talba bħal dik, minkejja kull liġi oħra li tkun tillimita l-kompetenza tagħha.

Reati.

10. (1) Kull min ineħħi minn xi post u juża mingħajr ebda dritt għal benefiċċju tiegħu jew dak ta' l-oħrajn xi ħaġa li tkun ġiet abbandunata minn sidha, minħabba f'xi diżastru, ħruq, jew avveniment ieħor li matulu ħajjet is-sid jew ta' xi persuna oħra kienet fil-periklu, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn għaxar snin:

Iżda meta l-Qorti tiġi biex tagħti l-piena, hija għandha tqis mhux biss il-valur tal-ħaġa, iżda wkoll iċ-ċirkostanzi ta' tbatija li s-sid kien jinsab fihom meta abbanduna dik il-ħaġa.

(2) Meta r-reat isir minn persuna li jkollha x'inkarigu bissaħħa ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra sabiex tgħin lil persuni li jkunu fil-periklu li jitilfu ħajjithom jew ġidhom, il-piena għandha dejjem tiżdied b'żewġ gradi.

(3) Kull min jidħol mingħajr awtorizzazzjoni ġewwa xi żona li tkun indikata bħala żona fejn wieħed ma jistax jidħol minn uffiċjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, ikun ħati, minħabba biss fil-fatt li jkun daħal f'dik iż-żona, ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien mhux inqas minn xahar u mhux iżjed minn sitt xhur.

(4) Kull min jirrifjuta li minnufih iħares xi ordni ta' teħid ta' xi ħaġa li ssir taħt xi setgħa mogħtija b'dan l-Att, ukoll jekk din tiġi mogħtija lilu bil-fomm biss, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tlett xhur.

(5) Kull min jirrifjuta, jew jonqos milli jħares xi ordni li tingħatalu, ukoll jekk bil-fomm biss, minn uffiċjal li jkun qed jaġixxi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija b'dan l-Att, jew li jindaħal jew jostakola l-ħidmiet ta' għajnuna u li ma jiqafx milli jkompli jagħmel dan meta jingħata ordni, ukoll jekk bil-fomm biss, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tlett xhur.

(6) Kull min jonqos milli jħares xi regolament maħruġ taħt dan l-Att ikun ħati ta' kontravvenzjoni, kemm-il darba regolament speċifiku ma jimponix piena li tiġi dikjarata bħala piena ta' xorta amministrattiva.

(7) Ma jistax jingħad b'difiża f'każ ta' akkuza taħt dan l-artikolu li l-persuna kienet qed twettaq dmirijietha fil-professjoni ta' komunikazzjonijiet tal-massa u li l-aġir tagħha kien biss maħsub bħala twettiq tal-jedd tagħha li tgħarraf lill-oħrajn.

Tħassir ta' ċerti liġijiet.

11. (1) Il-liġijiet elenkati fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu qegħdin b'dan jitħassru.

(2) Il-liġijiet imħassrin huma:

(a) l-Att dwar Korp tax-Xogħol ta' Emerġenza; u (Kap. 227)

(b) l-Att dwar Għajnuna minħabba Għargħar. (Kap. 286)

Dispożizzjonijiet transitorji.

12. Membru tal-Korp tal-Pulizija li jiġi trasferit għall-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ imwaqqfa taħt dan l-Att jew li jtemm milli jkun membru tal-Korp tal-Pulizija minnufih qabel, u għall-għanijiet li, isir membru tal-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ, għandu għall-għanijiet ta' kull liġi li tapplika għal pensjonijiet li jitħallsu lil membri tal-Korp tal-Pulizija, jitqies bħallikieku huwa baqa' fil-Korp tal-Pulizija matul iż-żmien ta' servizz tiegħu mal-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ, u għall-għanijiet ta' dawk il-liġijiet servizz mal-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ minn dawk il-membri għandu jitqies bħala servizz mal-Korp tal-Pulizija, u l-jedd tiegħu għal pensjoni taħt dawk il-liġijiet għandu jkun regolat skond hekk.

A 298

SKEDA

(Artikolu 8)

Ġurament tal-Kariga ta' Uffiċjal fil-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ

"Jien ..... solennement naħlef/niddikjara li naqdi fedelment skond il-liġi u mingħajr biża' jew favur il-kariga ta' ..... * fil-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ imwaqqfa bi u skond l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1999 dwar il-Protezzjoni Ċivili."

* *hawnhekk indika xi tkun il-kariga fil-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ.*

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 166 tas-26 ta' Ottubru, 1999.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati